# SERATA FIT-TEATRU MANOEL fil-MIĠJA tar-REĠINA ADELAIDE f'MALTA

*Ta'* A.C.

**Versi bil-Malti ta' LUIGI ROSATO għas-serata fit-Teatru Manoel għall-Armla Reġina Adelaide fil-10 ta' Diċembru, 1838.**

Luigi Rosato hu magħruf sal-lum bħala wieħed mill-eqdem kittieba ta' versi bil-Malti. Barra mill-versi li sa nġibu miktubin minnu fil-Mawra tar-Reġina Adelaide fit-Teatru fil-lejla tal-10 ta' Diċembru, 1838, huwa kiteb ukoll poemett drammatiku "Catarina" (1847) u farsa, jisimha "Żanu migdum mit-Trenta" li kitibha għas-serata tiegħu fis-sena 1858. Rosato kien jaħdem ta' komprimarju fl-istaġun tal-opri fl-istess Teatru.

*F'Leħen il-Malti* tal-1931 (Nru. 7) kienet dehret ġabra ta' versi Maltin bikrija taħt l-isem ta' *Tifkiriet Ewlenija ta' Tqabbil Malti* li jiena kont mitlub niġbor mill-mejjet u qatt minsi Rużar Briffa, dik il-ħabta Direttur ta' dik ir-rivista flimkien ma' Ġużè Bonnici. Fost il-versi ta' din il-ġabra nisiltu dawk ta' Luigi Rosato li kiteb bħala *Tifkira ta' l-Armla Reġina Adelaide fl-Ewwel Miġja tagħha fit-Teatru fil-Għaxra ta' Diċembru*, 1838.

## IL-MIĠJA FIT-TEATRU TAR-REĠINA ADELAIDE

*Heja ruħu l-Impreżarju*
*Biex iweġġah is-Sultana*
*Mita riedet fit-Teatru*
*Tiġi żżurna biex tismagħna.*
*Jistħoqqilha ġmiel u żina*
*Adelaide dir-Reġina.*

*Hekk kif sama' l-ħsieb li għamlet*
*Trid il-għana ta'* Lucia.
*Stampa ktieb għaliha xieraq;*
*Kien jistħoqqlu mitt foħrija*
*U kif le! Jekk ferħet bina*
*Malli ratna dir-Reġina?* —

*Kellna għaxra minn Diċembru,*
*Kien fil-bidu tagħha l-ġimgħa*
*Bedgħet toktor għat-Teatru*
*Qajla qajla tant miġimgħa*
*In-nhar lejl xtaqnieh għalina*
*Għal dil-miġja tar-Reġina.*

*Fit-triq kollha tat-Teatru*
*L-Impreżarju l-ħġejjeġ hejja*
*Biex kulħadd jitgħaxxaq biha,*
*Adelaide kif tkun ġejja.*
*Il-ferħ stess beda jbikkina*
*Kif nilqgħuha dir-Reġina.*

*Żewġ kolonni fil-faċċata*
*Kwadru fl-arja kienu jżommu*
*Bħallikieku kien ifisser*
*Dak il-kwadru l-iben u ommu.*
*Ħarset lejh din l-omm ħanina*
*Ħarset lejna dir-Reġina.*

*Kien ifisser l-istess kwadru,*
*Dak il-Ġenju ta' dil-Gżira.*
*Kollu hieni fih innifsu,*
*B'din il-miġja, b'dit-tifkira.*
*Fuq kulħadd illum tgħollina*
*Din iż-żjara tar-Reġina.*

*L-Ingilterra fuq il-karru,*
*Dik il-mara tant gwerriera,*
*Waqfet tħares lejn il-Ġenju,*
*B'qalb ħanina, b'qalb sinċiera.*
*Kemm hemm nies għad issemmina*
*Għal dil-miġja tar-Reġina.*

*Kien xurtjat min ħaseb kmieni,*
*Kellu maqgħad mill-bieb ġewwa.*
*Kien xurtjat min raha feġġet,*
*Mita, sellmet bl-akbar ħlewwa,*
*Qalbha stess xtaqet tagħtina*
*Mart Gulielmu dir-Reġina.*

*Mnejn għaddiet mill-bieb il ġewwa*
*Il-ħitan u l-art 'imżejna,*
*Kullimkien ħuġġieġa waħda;*
*Kienet bgħid, u donnha ħdejna.*
*Min qatt jista' mrar jisqina,*
*Għandna magħna dir-Reġina?*

*Fil-Palkett id-dawl imtelliet,*
*Taħt żewġ linfi żewġ suldati,*
*Kienu n-nisa f'dik il-lejla,*
*Kienu rġiel ukoll xurtjati.*
*Kulħadd xtieq fil-bieb igħinha*
*Biex fis tidħol dir-Reġina.*

*Sagħtejn sħaħ domt lejha nħares,*
*Dik il-ħlewwa tagħha ssaħħar.*
*Tgħaxxaqt jien u l-Impreżarju,*
*Baqgħet magħna hemm sal-aħħar.*
*Liema Belt tista' tinkina,*
*Għandna magħna dir-Reġina.*

*Daqqew lilha l-aħħar daqqa,*
*Sellmitilna tliet darbiet,*
*B'għajn ħanina ħarset lejna*
*Bħalma tħares l-omm 'l ulied.*
*Għaliex sejra u ser tħallina,*
*Għidt jien f'qalbi lir-Reġina?*
*Alla jtiha qatigħ għomor.*

Fil-librett ta' din it-Tifkira, stampat mill-Awtur, id-data tas-sena li fiha saret is-Serata flok fl-1838 bi żball tal-istampa, tidher id-data ta' l-1839.

Għal din is-Serata, Rosato kiteb ukoll din il-poeżija "Lil Camilla Darbois", is-Soprano, li f'dik is-Serata ħadet sehem fl-opra ta' *Lucia di Lamermoor,* kif ukoll fl-Innu Nazzjonali Ingliż u fir-*Rule Britannia.*

## LIL CAMILLA DARBOIS

### L-Ewwel Għannejja fit-Teatru ta' Malta

*Waslet fl-aħħar, O Camilla,*
*Il-ġurnata ta' kbir hena,*
*Fejn b'dak leħnek int kull sena*
*Mill-qlub tneħħi s-swied u l-qilla.*

*B'daka leħnek meta tgħanni*
*Swied il-qalb imur malajr,*
*Bħal titjir ta' l-isbaħ tajr*
*Fl-ogħla ħsieb int bih twassalni.*

*Sar-Reġina għal dil-bxara*
*Riedet tisma' l-għana tiegħek,*
*Ferħet bik u baqgħet miegħek,*
*Mita ġiet biex ħilek tara.*

*Bħalli kieku fuq in-nar,*
*B'għaġla kbira dlonk riditek,*
*Biex turina kemm ħabbitek*
*U mill-qrib tarak aħjar.*

*X'xorti kellek tħadaw magħha,*
*Wiċċ ma' wiċċ kellimtha u rajtha,*
*Kemm ferħitlek inti smajtha,*
*U fil-Palk ħadt is-sliem tagħha.*

*Din il-qima kienet kbira,*
*Li ġebitlek ir-Reġina,*
*Kienet miegħek wisq ħanina,*
*Xorti kellek iġġib għira.*

*Raġun għandek tifraħ bosta,*
*La r-Reġina tgħaxxqet bik.*
*Kieku ried qatt ma jħallik*
*Min dak leħnek tant jiggosta.*

*Bejn id-daqq u l-għana tiegħek*
*Il-qlub trattab bħal għaġina,*
*Xi trid aktar sa r-Reġina*
*Tkellimt magħha, tkellmet miegħek.*

*B'xhieda ta' qima u ferħ*

*LUIGI ROSATO*

*Nota.* Din il-poeżija u ta' qabilha huma stampati bl-ortografija tal-*Għaqda* u mhux bħalma huma fit-test oriġinali.

Ta' min jistqarr, bħalma kont fissirt fil-kelmtejn li kont ktibt bħala Daħla tal-Ġabra tal-poeżiji bikrija li kienet dehret f'*Leħen il-Malti.* Nru. 7 ta' Settembru, 1931, fost l-ewwel poeżiji li nkitbu minn xi kittieba Maltin, hemm id-dgħajfin, bħala l-ewwel xtieli fil-ġnejna tal-Poeżija Maltija, u fost dawn nistgħu ngħoddu wkoll il-versi ta' Luigi Rosato, sew dawk li ġibna hawnhekk miktubin fil-Miġja tar-Reġina Adelaide f'Malta, kemm dawk li naqraw fil-poemett drammatiku "Catarina". Lanqas il-proża tiegħu li naqraw fil-Farsa "Zanu Migdum mit-Trenta" ma tista' tgħid li hija mudell ta' stil u teknika, l-iktar fid-djalogu li hu nieqes mill-vivaċità naturali tal-kliem u tal-frażi, għalkemm xi wħud lil Rosato riedu jpinġuh bħala l-Missier tal-Palk Malti. Il-versi ta' xi kittieba oħra, li dehru fl-istess okkażjoni fl-*Arlechin jew Kaulata Inglisa u Maltija* tas-6 ta' Diċembru, 1938 bħala supplement tal-*Harlequin* jisbqu fil-wisa', għal dak li hu stil u teknika prosodika, lil dawk ta' Rosato.

Nagħlaq dan l-istudju ċkejken fuq il-Versi ta' Luigi Rosato dwar il-Miġja f'Malta tar-Reġina Adelaide, b'din id-daqsxejn ta' relazzjoni li tinsab miktuba fi Djarju dwar iż-żjara tar-Reġina Adelaide f'Malta, ippubblikata mill-Kav. Jos. Galea fix-*Scientia* Vol. XXIX, pp. 99-116, u li fiha hemm deskrizzjoni *tas-Serata* li saret fit-Teatru Manoel fejn ħadet sehem is-Soprano Camilla Darbois:—

Fil-lejla tal-10 ta' Diċembru, 1938, ir-Reġina Adelaide marret it-Teatru tisma' il-opra ta' *Lucia di Lamermoor* fejn ħadet sehem fiha is-Sopran Camilla Darbois. It-triqat minn fejn ir-Reġina għaddiet kif telqet mill-Palazz kienu mixgħulin bid-dawl u fil-bieb tat-Teatru kien hemm għassa Kaptan mir-Royal Malta Fencible. Ir-Reġina qagħdet fil-palkett tal-Gvernatur li qagħad ma' ġenbha, u magħha kien hemm ukoll il-Kontessa ta' Southampton, l-Onorabbli Miss Mitchell, il-Konti ta' Howe, il-Konti Denbigh u Sir Andrew Barnard. Il-Maestà Tagħha r-Reġina ġiet milqugħa bl-akbar qima u ferħ u waqt li dieħla l-banda daqqet il-*God Save the Queen.* Bejn att u ieħor il-kumpannija teatrali dehret kollha kemm hi fuq il-palk u kantat l-Innu Nazzjonali u r-*Rule Britannia* fejn is-Sinjura Darbois kantat il-parti ta' *solo.* Ir-Reġina damet sa l-aħħar tas-serata u wriet kemm ħadet pjaċir tisma' kumpannija ta' kantanti hekk tajba, kif ukoll bil-maniera li biha dik l-opra sabiħa ġiet rappreżentata. It-teatru kien mixgħul bi dwal mill-isbaħ. Kulħadd faħħar id-Direttur għal mod li bih għaraf jirranġa u jżejjen it-teatru għal-laqgħa tar-Reġina.

**NOTI BIJOGRAFIĊI dwar ir-Reġina Armla Adelaide u l-mawra tagħha f'Malta u dwar is-Sopran Camilla Darbois.**

ADELAIDE ta' Saxe-Meiningen (1792-1849). Adelaide twieldet f'Saxe fl-1792, bint Ġorġ Duka ta' Saxe-Meiningen. Iżżewġet lir-Re Gulielmu IV fl-1818, dak iż-żmien Duka ta' Clarence. Mietet fl-1849. Fl-1837 kienet twaqqfet b'isimha l-Belt ta' Adelaide City fl-Awstralja.

Fl-aħħar xhur tas-sena 1838 u fil-bidu tas-sena ta' wara, ir-Reġina Adelaide ġiet tgħaddi l-istaġun tax-xitwa hawn Malta għall-ġid ta' saħħitha. Hija waslet fil-port ta' Malta wara nofs in-nhar tat-30 ta' Novembru, 1838, abbord tal-Bastiment tal-Gwerra Hastings, u niżlet l-art l-għada fil-għodu.

Hekk kif niżlet l-art ingħata salut ta' sparar ta' kanuni mill-Forti Sant'Jiermu u mir-Rikażli, fil-waqt li l-popolazzjoni ta' Malta u Għawdex ġiet tilqagħha minn fejn kienet għaddiet mit-triqat tal-Belt sakemm waslet il-Palazz tal-Gvernatur.

Billi r-Reġina Adelaide kienet l-ewwel waħda li fost il-familja Rjali żaret lill-Gżira tagħna, sarulha festi kbar fl-erba' xhur li damet fostna. Barra mit-tiżjin, il-luminazzjoni mill-isbaħ fit-triqat tal-ibliet u logħob tan-nar, sarulha laqgħat ta' ferħ kull fejn marret iżżur il-postijiet storiċi, knejjes, u bnadijiet oħra; fost l-istedin ta' laqgħat li kellha u li baqgħu jissemmew kienu dawk tat-Teatru (illum magħruf bl-isem tat-Teatru Manoel) fejn ir-Reġina kellha għal erba' darbiet l-isbaħ laqgħat ta' ferħ u qima b'rappreżentazzjonijiet ta' opri minn kumpannija teatrali taħt it-tmexxija tal-Impreżarju Domenico Amore u s-surmast tal-orkestra Giovanni Lebrun. Fost l-opri li saru ta' min isemmi "Lucia di Lamermoor", "L'Elisir d'Amore", "Lucrezia Borgia" (fejn ħadet sehem kbir is-Sopran Camilla Darbois), barra xi kunċerti u rappreżentazzjoni oħra ta' kummiedji bl-Ingliż minn dilettanti Ingliżi, waħda minn dawn, serata ta' beneficenza b'riżq ir-romol u ltiema ta' xi baħrin li kienu għerqu huma u jaqsmu l-fliegu ta' bejn Malta u Għawdex, kif ukoll serata oħra ta' beneficenza b'riżq ix-xirka "Dame della Carità".

Fid-19 ta' Marzu, 1839, ir-Reġina Adelaide poġġiet l-ewwel ġebla ta' St. Paul's Anglican Cathedral, li għall-bini tiegħu fetħet ġabra (sotto-skrizzjoni) b'għotja ta' £10,000.

CAMILLA DARBOIS (1804-1878). Camilla Darbois twieldet Marsilja fil-25 ta' Marzu, 1804; missierha kien jismu Gio Batta Henoque u ommha Antonia, imwielda Ferro. Sa minn tfulitha kienet turi xeħta u ħrara kbira għall-mużika. Tgħallmet il-mużika u l-kant fil-Konservatorju ta' Pariġi taħt it-tmexxija tal-magħruf mużiċista Heriz, u fi żmien qasir saret pjanista u sopran mill-aħjar. Fl-1824, meta kellha 20 sena, iżżewġet lin-neguzjant Filippo Darbois u ma' tul iż-żwieġ tagħha kellha tlitt itfal. Wara l-mewt ta' żewġha fl-1829 telqet għal Napli fejn bdiet il-ħajja ta' karriera teatrali. L-ewwel darba dehret fit-Teatru San Carlo. Minnufih kisbet il-fama ta' waħda mill-aħjar kantanti tal-opri u għalhekk, wara stedina tal-Impreżarju Salvatore Amore, ma dametx ma dehret ukoll fuq il-palk tat-Teatru Manoel tkanta l-parti ta' sopran, l-ewwel darba fl-opra "L'Esule di Roma" ta' Donizetti. Wara s-sena 1830 hija baqgħet dejjem issostni l-parti ta' *Prima Donna* għal tnax-il sena sħaħ wara xulxin, meta fost l-opri li saru hija ħadet sehem fin-*"Norma"*, *"Don Giovanni"*, *"Beatrice di Tenda"*, *"I Puritani"*, *"Lucrezia Borgia"*, *"Lucia di Lamermoor"* u *"Marino Faliero"*.

Fl-1832 hija ħadet l-aqwa sehem bħala "Prima Donna" fl-opra ġdida "Lodoviska" tal-awtur Malti Vincenzo Bugeja.

Camilla telqet il-karriera teatrali fl-1841, u fl-20 ta' Diċembru, 1842, iżżewġet ma' Domenico Amore. Hija mietet fil-11 ta' Frar, 1878 fil-għomor ta' 74 fid-dar Nru. 12, Strada Zaccaria, il-Belt Valletta. L-għada li mietet, wara funeral mill-kbar li sarilha b'quddiesa *De Requiem*, il-Knisja ta' San Duminku, fejn ħadu sehem il-professuri tal-mużika kollha bil-kantanti tat-Teatru, indifnet fiċ-Ċimiterju tal-Addolorata.